KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.6.2006
KUMM(2006) 338 finali

2006/0113 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' emenda tal-Konvenżjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fil-25 ta' Ġunju 1998, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha ffirmaw il-Konvenzjoni ta' Århus tal-UN/ECE dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (minn hawn 'il quddiem il-Konvenzjoni). Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2001 u l-Komunità approvatha fis-17 ta' Frar 2005, wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE[1].

2. L-Artikolu 6, paragrafu 11 tal-Konvenzjoni jindirizza b'mod speċifiku l-parte ċipazzjoni pubblika fir-rigward tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar ir-rilaxx intenzjonat ta' l-organiżmi modifikati ġenetikament (minn hawn 'il quddiem l-OMĠ) fl-ambjent u jitlob lill-Partijiet japplikaw ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 6, sa fejn ikun vijabbli u adattat, fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

3. Dawn ir-rekwiżiti jingħataw effett fil-Komunità permezz ta' dispożizzjonijiet relevanti skond id-Direttiva 2001/18/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament[2] u r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament[3].

4. Il-firmatarji tal-Konvenzjoni talbu biex l-ewwel Laqgħa tal-Partijiet tiżviluppa iktar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għar-rilaxx intenżjonat ta' l-OMĠ. Sussegwentement, l-Ewwel Laqgħa tal-Partijiet (Lucca, l-Italja, 21-23 ta' Ottubru 2002) stabbiliet Grupp ta' Ħidma dwar l-OMĠ b'mandat biex jidentifika u jiżviluppa għażliet potenzjali biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet eżistenti ta' Århus rigward dan is-suġġett. L-għażliet li rri żultaw mix-xogħol ta' dan il-grupp ġew evalwati fit-Tieni Laqgħa tal-Partijiet (Almaty, Kazakhstan, is-27 ta' Mejju 2005).

5. Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, biex tmexxi negozjati rigward emenda possibbli tad-dispożizzjonijiet e żistenti ta' Århus rigward l-OMĠ skond id-Direttivi tan-negozjati adottati fl-10 ta' Marzu 2005. Fi ħdan il-qafas ta' dawn id-Direttivi, il-Kummissjoni kellha bżonn ti żgura li d-deċiżjonijiet li kellhom jiġu adottati fit-tieni Laqgħa tal-Partijiet ikunu konsistenti mal-leġiżlazzjoni Komunitarja relevanti, b'mod partikolari dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent u t-tqegħid fis-suq ta' l-OMĠ.

6. Matul it-Tieni Laqgħa tal-Partijiet intlaħaq ftehim dwar emenda tal-Konvenzjoni biex l-obbligi tal-Partijiet isiru iktar speċifiċi fir-rigward tal-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-OMĠ. Ir-regoli Komunitarji relevanti li jirregolaw l-OMĠ jinkorporaw dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni pubblika, b'mod partikolari permezz tar-rekwiżiti ta' l-Artikoli 9 u 24 tad-Direttiva 2001/18/KE[4] u ta' l-Artikoli 6, 18 u 29 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003[5]. Dawn

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' emenda tal-Konvenżjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-de ċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.

2 ĠU L 106, 17/04/2001 p. 01-39.

3 ĠU L 268, 18/10/2003 p. 01-23.

4 L-Artikoli 7, 8, 16, 19, 20, 23 u 31 tad-Direttiva 2001/18/KE fihom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Barra minn dan, l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2001/18/KE jindika liema informazzjoni m'għandhiex tkun ikkunsidrata kunfidenzjali.

id-dispożizzjonijiet huma konsistenti ma' l-emenda tal-Konvenzjoni ta' Århus li g ħalhekk mhuma se jwasslu għall-ebda reviżjoni tal-leġiżlazzjoni.

7. Il-koordinazzjoni Komunitarja li rnexxiet matul il-proċess ta' negozjati għandha tkun żgurata bl-istess mod fir-rigward tal-konklużjoni ta' l-emenda tal-Konvenzjoni ta' Århus, bil-għan li jkun permess id-depożitu, sa fejn hu possibbli simultanju, ta' l-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni u approvazzjoni mill-Komunità u l-Istati Membri. Il-ftit Stati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jaslu għal dak il-għan.

8. Issa l-Komunità għandha tapprova din l-emenda għall-Konvenzjoni ta' Århus.

[5] L-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jindirizza, b'mod speċifiku, liema informazzjoni m'għandhiex tkun ikkunsidrata kunfidenzjali.

2006/0113 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' emenda tal-Konvenżjoni dwar l-aċ ċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175 (1) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2), u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tal-UN/ECE dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (minn hawn 'il quddiem il-Konvenzjoni ta' Århus) timmira li tagħti d-drittijiet pubbliċi u timponi fuq il-Partijiet u l-awtoritajiet pubbliċi obbligi dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.

(2) Il-Komunità Ewropea, skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175 (1) tiegħu, hija kompetenti biex tidħol fi ftehimiet internazzjonali, u biex timplimenta l-obbligi li jirriżultaw, li jikkontribwixxu sabiex jintla ħqu l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 174 (1) tat-Trattat tal-KE.

(3) Il-Komunità ffirmat il-Konvenzjoni ta' Århus fil-25 ta' Ġunju 1998 u din daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2001. Il-Komunità approvat il-Konvenzjoni fis-17 ta' Frar 2005 skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE[6].

(4) Fit-Tieni Laqgħa tal-Partijiet, f'Mejju 2005, intlaħaq ftehim fuq emenda għall-Konvenzjoni ta' Århus biex l-obbligi tal-partijiet isiru iktar speċifiċi fir-rigward tal-parte ċipazzjoni pubblika fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-OMĠ. Il-liġi relevanti tal-Komunità li tirregola l-OMĠ, u b'mod partikolari d-Direttiva 2001/18/KE u r-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tinkorpora dispożizzjonijiet għall-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-OMĠ, f'konsistenza ma' l-emenda tal-Konvenzjoni ta' Århus.

(5) L-emenda tal-Konvenzjoni ta' Århus ila miftuħa għal ratifika, aċċettazzjoni jew

[6] ĠU L 124, 17/05/2005, p. 01-03.

approvazzjoni mill-Partijiet mis-27 ta’ Settembru 2005. Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex ikun permess id-depożitu, sa fejn hu possibbli simultanju, ta’ l-istrumenti ta’ ratifika, aċċettazzjoni u approvazzjoni.

(6) Il-Komunità għandha tapprova din l-emenda għall-Konvenzjoni ta’ Århus.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-emenda għall-Konvenzjoni ta’ Århus dwar il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta’ deċi żjonijiet dwar l-organiżmi modifikati ġenetikament, kif stipolat fl-Anness ma’ din id-Deċiżjoni, b'dan hija approvata f'isem il-Komunità.

Artikolu 2

1. B'dan, il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat biex jaħtar il-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni ta' l-emenda mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' depożitarju, skond l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Århus.

2. Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri partijiet fil-Konvenzjoni ta’ Århus għandhom jag ħmlu ħilithom biex jiddepożitaw b’mod simultanju, kemm jista' jkun sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006, l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta’ l-emenda.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

EMENDA TAL-KONVENZJONI DWAR L-AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI, IL-PARTEĊIPAZZJONI PUBBLIKA FIT-TEĦID TAD-DEĊIŻJONIJIET U L-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA FI KWISTJONIJIET AMBJENTALI

Artiklu 6, paragrafu 1

Għat-test eżistenti, ibdel

11. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, paragrafu 5, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għad-deċiżjonijiet rigward jekk ikunx permess ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent u t-tqegħid fis-suq ta' organiżmi modifikati ġenetikament.

Artikolu 6 bis

Wara l-Artikolu 6, daħħal Artikolu ġdid kif ġej

Artikolu 6 bis

IL-PARTEĊIPAZZJONI PUBBLIKA FID-DEĊIŻJONIJIET DWAR IR-RILAXX INTENZJONAT FL-AMBJENT U T-TQEGĦID FIS-SUQ TA' ORGANIŻMI MODIFIKATI ĠENETIKAMENT

1. Skond il-modalitajiet stipolati fl-Anness I bis, kull Parti għandha tipprovdi għall-informazzjoni effikaċi u minn kmieni u l-parteċipazzjoni pubblika qabel tieħu deċiżjonijiet rigward jekk ikunx permess ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent u t-tqegħid fis-suq ta' organiżmi modifikati ġenetikament.

2. Ir-rekwiżiti magħmula mill-Partijiet skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu komplementari u ta' appoġġ reċiproku għad-dispożizzjonijiet tal-qafas nazzjonali tagħhom dwar il-bijosikurezza, b'mod konsistenti ma' l-għanijiet tal-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza.

Anness I bis

Wara l-anness I, daħħal anness ġdid kif ġej

Anness I bis

IL-MODALITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 6 BIS

1. Kull Parti għandha tistipola, fil-qafas regolatorju tagħha, arranġamenti għal informazzjoni effikaċi u l-parteċipazzjoni pubblika għad-deċiżjonijiet soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 bis, li għandhom jinkludu perjodu ta' żmien raġonevoli, sabiex il-pubbliku jingħata opportunità xierqa biex jesprimi opinjoni dwar tali proposti għal deċiżjonijiet.

2. Jekk ikun xieraq, Parti tista' tipprovdi, fil-qafas regolatorju tagħha, għal eċċezzjonijiet fil-proċedura tal-parteċipazzjoni pubblika stipolata f'dan l-Anness:

(a) Fil-każ tar-rilaxx intenzjonat ta' organiżmu modifikat ġenetikament (OMĠ) fl-ambjent għal

kwalunkwe skop għajr it-tqegħid fis-suq tiegħu, jekk:

(i) Tali rilaxx taħt kundizzjonijiet bijoġeografiċi komparabbli diġà ġie approvat fi ħdan il-qafas regolatorju tal-Parti kkonċernata; u

(ii) Inkisbet, minn qabel, esperjenza biżżejjed bir-rilaxx tal-OMĠ in kwistjoni f'ekosistemi komparabbli

(b) Fil-każ tat-tqegħid fis-suq ta' OMĠ, jekk:

(i) Diġà kien approvat fi ħdan il-qafas regolatorju tal-Parti kkonċernata; jew

(ii) Huwa maħsub għar-riċerka jew għall-kollezzjoni ta' kulturi.

3. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar is-segretezza skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4, kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, b'mod adegwat, effikaċi u fil-ħin, sommarju tan-notifiki introdotti biex tinkiseb awtorizzazzjoni għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent jew għat-tqegħid fis-suq ta' OMĠ fit-territorju tagħha, kif ukoll ir-rapport ta' evalwazzjoni, fejn disponibbli, u skond il-qafas nazzjonali tagħha dwar il-bijosikurezza.

4. Fl-ebda każ il-Partijiet m'għandhom jikkunsidraw l-informazzjoni li ġejja bħala kunfidenzjali:

(a) Deskrizzjoni ġenerali ta' l-organiżmu jew l-organiżmi modifikati ġenetikament ikkonċernati, l-isem u l-indirizz ta' l-applikant għall-awtorizzazzjoni tar-rilaxx intenzjonat, l-użi ma ħsuba u, jekk xieraq, il-post tar-rilaxx

(b) Il-metodi u l-pjanijiet għall-monitoraġġ ta' l-organiżmu jew l-organiżmi modifikati ġenetikament ikkonċernati u għal reazzjoni ta' emerġenza

(c) L-evalwazzjoni tar-riskju ambjentali.

5. Kull Parti għandha tiżgura trasparenza fil-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tipprovdi aċ ċess għall-informazzjoni proċedurali rilevanti lill-pubbliku. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, per eżempju:

(i) In-natura tad-deċiżjonijiet possibbli

(ii) L-awtorità pubblika responsabbli għat-teħid tad-deċiżjoni;

(iii) L-arranġamenti għall-parteċipazzjoni pubblika stipolati skond il-paragrafu 1

(iv) Indikazzjoni ta' l-awtorità pubblika li mingħandha tkun tista' tinkiseb informazzjoni relevanti

(v) Indikazzjoni ta' l-awtorità pubblika fejn jistgħu jitressqu kummenti u ta' l-iskeda ta ż-żmien għat-trażmissjoni tal-kummenti.

6. Id-dispożizzjonijiet magħmula skond il-paragrafu 1 għandhom jippermettu lill-pubbliku jressaq kwalunkwe kumment, analiżi jew opinjoni li jikkunsidra relevanti għar-rilaxx intenzjonat propost, inkluż it-tqegħid fis-suq, bi kwalunkwe mod xieraq.

7. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li, meta jittieħdu deċiżjonijiet jekk għandux ikun permess ir-rilaxx intenzjonat ta' OMĠ fl-ambjent, inkluż it-tqegħid fis-suq, ir-riżultati tal-proċedura tal-parteċipazzjoni pubblika organizzata skond il-paragrafu 1 ikunu kkunsidrati kif jixraq.

8. Il-Partijiet għandhom jipprovdu biex meta tittieħed deċiżjoni soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness minn awtorità pubblika, it-test tad-deċiżjoni għandu jsir disponibbli għall-pubbliku flimkien mar-raġunijiet u l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom kienet ibbażata.